**Santa Lucija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 10/2025**
**29 ta' Jannar 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Lucija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Lucija fil-5:30p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

Il-Kunsillier Dr Sciberass ippropona mozzjoni sabiex tiġi miżjuda il-Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 9. Is-Sindku issekondat. Il-Kunsilliera approvaw unanimament.

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 9

Il-Minuti tal-Laqgħa 09-24 IX ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati mill-Kunsillier Dr Sciberras u sekondant l-Kunsilliera Debattista.

10.3 Performance Appraisal 2024

Is-Sindku nfurmat li nħareġ Collective Agreement ġdid tal-ħaddiema klerikali, fejn qed nistennew direzzjoni mid-DLG rigward jekk hux il-performance Appraisal jkunx 6% jew bil-percentaġġ il-ġdid ta' 10%. Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra sabiex il-Kunsill jkun jista' jiddiskutu l-Performance Appraisal tagħha u tal-ħaddiema. Il-Kunsill approva lill-impjegati bil-massimu, b'xi emendi:

[redacted]

### 10.4 Quaterly Report Q4 2024

Is-SE infurmat li dan ir-rapport għadu mhux lest, iżda jrid jiġi mgħoddi qabel il-21 ta' Frar 2025 ħabba li huma mitluba mid-DLG u fi Frar 2025 ser jinbeda l-Audit.

### 10.5 Unaudited Financial Statements 2024

Is-SE infurmat li dan ir-rapport għadu mhux lest, iżda jrid jiġi mgħoddi qabel il-21 ta' Frar 2025 ħabba li huma mitluba mid-DLG u fi Frar 2025 ser jinbeda l-Audit.

### 10.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

**10.6.1** Is-Sindku infurmat li qabel kull laqgħa fil-Komunikazzjoni ser tibda tgħaddi l-**istatistika tal-laqgħat** li saru matul ix-xahar. Dr Sciberras rrimarka li jibdew jinkitbu l-assenti u l-iskużati minħabba li ċertu ġranet ma jkunx jista jattendi minħabba x-xogħol tiegħu. (Annex 1)

**10.6.2** Is-Sindku infurmat li saret l-interview għal l-applikant li bagħat ic-CV għall-iskema tac-**CIES**. Fl-interview kien hemm preżenti is-Sindku, l-Kunsilliera D'Amato u s-SE, iżda din il-persuna ma nstabx eliġibli. Id-DLG infurmawna li l-applikazzjoni tac-CIES trid tiġi emendata għal Part-time minn Full-time bl-istess requirements. Il-Kunsill approva.

**10.6.3** Is-Sindku infurmat li ġiet mibgħuta ċirkolari tal-**Lifelong Learning 2025-2026** fejn iridu nagħżlu l-korsijiet li nixtiequ li jsiru ġewwa Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li nagħżlu Crochet, Ganutell, Bizzilla, Digital Skills, Maltese for foreigners, Health and Well Being.

**10.6.4** Is-Sindku qrat il-Minuti tal-laqgħa li saret mal-Perit ta' Infrustructure Malta u l-entitajiet dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fi **Vjal Oleandri** li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 filgħodu (Annex 2). Din il-laqgħa saret qabel il-korrispondenza tal-kunsillier Dr Sciberras. Il-kunsilliera ġew mgħoddija pjanta ta' fejn ġew issuġerieti **Belishia Lights ġodda** sabiex TM tapprova, ħalli IM tilħaq tgħaddi d-dawl minn taħt l-art. Is-Sindku fakkret li ser jintilfu xi parkeġġi (Annex 3). Il-Kunsill approva il-Belishia Lights (zebra crossings).

Il-Kunsilliera Debattista talbet li ssir rampa għall-gate ta' għalqa li tinħadem fi Triq il-Ġibjun sabiex is-sid ikollu aċċess bit-tractor (is-sid għandu 2 entraturi li waħda minnhom qedha ħdejn l-iskola).

**10.6.5** Is-Sindku nfurmat dwar il-korrispondenza tal-**AKL 2025/006 Personal Accident Policy.** Il-Kunsill approva li napplikaw €30 għall-kunsilliera u staff.

**10.6.6** Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar dwar **SRC Quiz - Exciting minds and bodies project** fejn il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tiġi mibgħuta lill-Kulleġġ St Thomas More u Right 2 Smile.

**10.6.7** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sa **Daniela Galea** għall-użu tal-Ġnien iċ-Ċiniż sabiex isiru attivitajiet għat-tfal matul is-sajf. Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li fil-Bye Law hemm klawsola li l-*Kunsill jiddeċidi xort'oħra*. Is-Sindku infurmat li allavolja jħallu nadif u qatt ma kien hemm

problemi, l-ammont mitlub bħalissa ta' €25/session huwa ftit. Il-Kunsill qabel li is-Sa Galea tibda tħallas €50/session.

**10.6.8** Is-Sindku uriet ritratt ta' kif qiegħed il-mural bħalissa ta' Pjazza 7 ta' Lulju, fejn ġa tkellmet mas-Sur Damian Attard tar-Right 2 Smile. Is-Sur Attard infurma li għalissa jingħata żebgħa kulur wieħed mill-ħaddiema tagħna. Is-Sindku qed tistenna korrispondenza uffiċjali mingħandu sabiex tipproċedi.

Il-Kunsillier Dr Sciberras fakkar li l-ħajt ta' mal-ħamrija ta' Independence Flats għadu ma ġiex miżbugħ.

**10.6.9** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill rċieva korrispondenza sabiex insiru membri fl' **International Zero-waste City Network**. Din il-materja ser tiġi diskussa via e-mail.

**10.6.10** Is-Sindku bi pjaċir ħabbret li għall-iskema tal-**Karnival 2025** il-Kunsill ser jieħu €4,000.00 f'fondi fejn b'dawn il-fondi ser issir festin għat-tfal nhar it-28 ta' Frar 2025, cookie session, kif ukoll ser jinxtraw imwejjed u siġġijiet.

**10.6.11** Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva mir-Reġjun Nofsinhar fejn ħareġ **Skema t'Għajnuna Finanzjarja Ġimgħa Mqaddsa 2025.** Is-Sindku issuġeriet li jerġgħu jsiru x-xemgħat bħas-snin preċedenti kif ukoll tkellmet ma resident li infurmaha li ser tiġi organizzata Ikla Lhudija u nfurmatu sabiex jgħaddilna korrispondenza uffiċjali biex nkunu nistgħu ngħinuhom b'din l-iskema. Il-Kunsilliera D'Amato issuġeriet li minflok xemgħat jintużaw fjakkoli minħabba l-ispejjeż. Is-Sindku infurmat li ser titkellem mal-ekx Kunsillier Terrence Ellul għal għajnuna peress li fis-snin preċedenti kien jorganizza hu.

**10.6.12** Is-Sindku infurmat li l-minuti mac-CEO ta' SportMalta ġew mgħoddija qabel din is-seduta u fakkret nhar id-19 ta' Frar 2025 (Annex 4) ser issir laqgħa mal-Ministru tal-Sports minħabba s-**sitwazzjoni tal-parkeġġ.** Is-Sindku fl-istess waqt infurmat li l-Kunsill irċieva risposta dwar l-Protest Ġudizzjaru/Ittra Legali li ntbagħtet mill-Avukat ta' SportMalta (Annex 5). Il-Kunsillier Sciberras talab li tiżdied li lill-Santa Luċija FC iridu nfittxuhom ukoll, u bi qbil mas-Sindku rrimarka li ċertu punti ma hemmx għalfejn jinkitbu peress li ma humix oġġettivi. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħat jibdew jiġu rrekordjati. Is-Sindku qalet li talbet lill-avukata sabiex tipprepara draft tal-ittra għall-qorti kontra l-Gvern, Lands Authority, SportMalta, u entitajiet oħra involuti, sabiex qabel ma tiġi mibgħuta, tiġi approvata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Sciberras talab jekk l-Avukata applikatx għall-Freedom of Information Act u r-raġuni għalfejn issa aċċettat li tiġi mibgħuta din l-ittra. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekja ma Dr Bonello.

**10.6.13** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew mgħoddija l-minuti li saret mas-**Surmast C. Higgans** nhar l-10 ta' Jannar 2025 (Annex 6). Il-Kunsillier Sciberras informa li fil-laqgħa preċedenti, hu flimkien mall-kunsilliera Debattista qablu li l-problema hi fid-dħul u mhux il-ħruġ mill-gate. Is-Sindku rrimarkat li għal din il-laqgħa attendiet il-Kunsilliera Debattista, li setgħat ikorreġiet dan il-punt. Il-Kunsilliera Debattista infurmat li dak il-ħin kienet irrabjata għall-atteġjament tas-surmast u ma setatx tikkonċentra. Il-Kunsillier Sciberras talab issir tabella li vetturi żgħar biss jidħlu fin-Neighbour Hood 3, u li d-dħul tal-buses issir minn Triq Ħal Luqa u l-ħruġ joħorġu minn Triq il-Ġibjun, Triq Klematis għal Dawret it-Torri u fl-istess waqt issir talba lis-Surmast sabiex ikun hemm preżenti uffiċjali tal-pulizija sakemm tindara din is-sistema. Is-Sindku ser tqajjem dan il-punt mas-Surmast sabiex tiġi diskussa.

Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex tiġi mibgħuta email lill-entitajiet TM u IM sabiex inkunu nafu x'inhuma r-responsabiltajiet tal-Kunsill Lokali rigward t-traffiku.

**10.6.14** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew mgħoddija l-minuti li saret mal-organizzaturi tal-**Kunsill tat-tfal** fl-10 ta' Jannar 2025 (Annex 7). Il-Kunsillier Sciberras ma qabilx li ser ikunu involuti t-tfal tal-

komunita ċiniża f'dan il-kunsill. Is-Sindku fakret li l-komunita' ċiniża għandhom relazzjoni mal-Kunsill tagħna. Il-Kunsill qabel l-ewwel laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2025 ġewwa l-librerija mill-4.30pm – 6.00pm li għaliha jkunu mistiedna l-Kunsilliera.

**10.6.15** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew mgħoddija l-minuti li dwar il-laqgħa li saret dwar il-**Bust ta' Ray Mahoney** (Annex 8) li saret nhar l-14 ta' Jannar 2025.

**10.6.16** Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret ma' **IM** nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025 (Annex 9). Il-Kunsillier Sciberras talab biex Triq M.De Domenicis issir f'fażijiet. Is-Sindku infurmat li meta jinbdew ix-xogħlijiet, ser issir triq prinċipali u triq sekondarja f'daqqa sabiex ma jkunx hawn problemi fit-traffiku. Il-Viċi Sindku issuġeriexa li jsir railing fuq il-bankina ħabba l-anzjani fejn ikun hemm rampi. Il-Kunsillier Sciberras issuġeriexa li Triq il-Kaħwiela ma ssirx kollha f'daqqa. Is-Sindku infurmat li din ġa ġiet diskussa ma IM u l-Kunsilliera qablu li jiġu mitkellma r-residenti qabel Ġunju sabiex jaraw x'jixtiequ. Il-Kunsilliera Debattista talbet li jaraw l-qlib tat-triq u jsir Storm Water Culvert.

Is-Sindku resqet mozzjoni peress li ser jinqabżu t-tlett siegħat, sabiex qabel ma jitkomplew il-komunikazzjonijiet, jiġu mgħoddija l-iskeda ta' pagamenti. Il-Kunsillier Sciberras bi qbil mas-Sindku issuġerixxa li l-laqgħa li jmiss tkun kontinwita tal-laqgħa tallum inkluż li jiġi mgħoddi l-Q4 2024 u l-Unaudited Finanicial Report 2024. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Fl-skeda ġew miżjuda 2 invoices ta' JB Stores u invoice ta' Pharlab Ironmongery. Il-Viċi Sindku ppropona u l-kunsilliera D'Amato issekondat lis-skeda ta' Pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2025. Is-Sindku infurmat li r-Reġjun Nofsinhar informa lill-Kunsill sabiex il-pagament tar-rejects għalissa ma jiġix mħallas peress li għaddejin f'diskussjonijiet mal-Wasteserv dwarhom.

Il-Kunsillier Sciberras talab li l-kuntrattur iqabbad żewġ kenniesa fl-istess ħin, jekk hemm bżonn jiżdiedu l-fondi għas-servizz tal-knis, u l-ħaddiema ikollhom l-makkinjaru meħtieġa bħal blower. Is-Sindku nfurmat li ser nibdew naħdmu fuq it-tender.

## 10.6 Kontinwazzjoni tal-komunikazzjoni mis-Sindku

**10.6.17** Is-Sindku fakkret lill-Kunsillier Sciberras sabiex jagħmel l-**evalwazzjoni** tat-tender tal-Embellishment tal-Public convenience.

**10.6.18** Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar tar-**Rejects** (skart riċiklat ħażin) li ġie mibgħut mill-Wasteserv. Reġjun Nofsinhar talbu li dan ma jiġix mħallas mill-Kunsill peress li l-iskart qed jiġi mormi ħażin mir-residenti mhux mill-Kunsill. L-ERA bagħtu l-istatistika tal-aħħar kwart tas-sena fejn wara 8 spezzjonijiet, ma qabdux persuni jarmu ħażin.

**10.6.19** Is-Sindku ġiet avviċinata mill-kuntrattur tal-knis fejn talbet li jitneħħew xi bins peress li qed jintużaw b'mod abbużiv. Il-Kunsill qabel li jitneħħew ta' Post il-Gladjoli, tal-Promenade faċċata ta' Vjal Oleandri (tar-razzett) u Triq il-Prinjoli. Il-Kunsillier Sciberras talab li jitnaddfu l-Smart Bins ta' mal-promenade.

**10.6.20** Is-SE infurmat li sar Collective Agreement ġdid għall-**impjegati** tal-Kunsilli Lokali fejn infurmat li li rridu nerġgħu napplikaw għall-impjegati bl-skali l-ġodda. Għalhekk il-Kunsill qabel li jinġieb permess għall-impjegati bi Skala 15 li issa ġiet Clerical Officer u Skala 12 Administrator Officer 1, li hija skala ġdida. Il-Kunsill qabel unanimament (Annex 10)

## 10.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.35pm u ser titkompla nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Frar 2025 fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| _____ | _____ |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |